# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Peter Montebello**

**Kumpilazzjoni Numru: 658/2011**

**Illum, hmistax (15) ta' April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra **Peter Montebello** detentur tal-karta tal-identità numru 184456M

U akkuzat talli f'Ottubru 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew aghmel

numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u cioe biddel in-numru tac-chassis u tal-magna ta' vettura JAF 372;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena 2011 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat id-digriet taghha tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena 2022 li tirrigwarda l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Xehed **l-Ispettur Arthur Mercieca** li esebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali, certifikat tat-twelid tal-imputat Peter Montebello, il-fedina penali tal-imputat kif ukoll rapport. Jghid li f'Ottubru tas-sena 2010 il-pulizija kienet irceviet informazzjoni li gewwa Duncan Street, Marsaxlokk kien hemm trakk li kien qieghed jaghmel uzu ta' pjanca b'numri li mhumiex assocjati mieghu. Jghid ukoll li PS 853 kien acceda fuq il-post u rrizultalu li n-numru fuq il-pjanca u cioè ABE-749, li kien jappartjeni lil trakk tal-ghamla ERF, kien gie imwahhal fuq trakk tal-ghamla Leyland. Jghid li kien ta struzzjonijiet sabiex sid it-trakk jigi ordnat li jittrasporta tali trakk ghand il-Stolen Vehicle Inspection Unit u dan sabiex issir spezzjoni fuq it-trakk.

Ikompli jixhed li l-imputat kien mar gewwa dan il-unit bi trakk iehor u kien spjega li bi zball il-pjanca bin-numru ABE-749 kienet twahhlet fuq it-trakk tal-ghamla Leyland Cruiser mentri suppost in-numru tal-pjanca kellu jkun FAW-971. Jghid però li xahar wara rcieva informazzjoni li l-anqas dan in-numru ma kien abbinat mat-trakk tal-ghamla Leyland Cruiser izda n-numru JAF-372. Izid jghid li wara li ghamel xi spezzjonijiet il-PC 320 irrizulta li l-magna tal-istess trakk ma kkorrispondietx ma' dak indikat fil-log book. L-istess rizultanza setghet tinghad a rigward in-numru tac-chassis

kif ukoll ghal-lewn tal-vettura. Jghid li rrizultalu li dak li suppost kien in-numru tal-magna gie mmarkat bhala n-numru tac-chassis u vici versa.

Ikompli jixhed li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru tas-sena 2010 kien interroga lill-imputat u dan wara li nghatalu s-solita twissija skont il-ligi. L-imputat matul l-istqarrija nnega li qatt baghbas dan it-trakk izda li l-unika haga li kien ghamel huwa li kien wettaq modifika sabiex it-trakk ikun jista' jgorr iktar milli seta' jghabbi. Jghid li ghalhekk wara li wettaq spezzjoni ohra fuq il-vettura kkonkluda li fil-fatt in-numri li gew immarkati fuq il-vettura kienu jappartjenu lil vettura ohra bin-numru JAF-372.

Xehed **SM1460 George Farrugia** li jghid li fl-ghoxrin (20) t'Ottubru tas-sena 2010 gie msejjah mill-Ispettur Arthur Mercieca sabiex jispezzjona l-vettura tal-ghamla Leyland Cruiser bin-numru FAW-971. Jghid li skont il-log book ta' sid il-vetttura, il-kulur indikat kien ahdar meta fil-verità l-kulur kien blu. Jghid li apparti minn hekk in-numru tax-chassis fuq il-log book kien indikat bhala E641 mentri hu ra li n-numru kien E6441. Ikompli jghid li n-numru tal-magna ma qabilx man-numru li seta' jara. Ipprezenta sett ta' ritratti kif ukoll kopja tal-ispezzjoni.

Jixhed li wara spezzjoni ohra fuq l-istess vettura seta' jaghraf engine number iehor u cioè 8660132 li jappartjeni ghal trakk Leyland Cruiser bin-numru JAF-372. Wara din is-sejba regghu ttiehdu sett ta' ritratti li gew pprezentati fil-proceduri odjerni. Jispjega li ssoltu numru ta' chassis hu kompost mill-ittri SBL kif ukoll sbatax (17)-il numru fejn fil-bidu u fl-ahhar ta' dawn in-numri hemm prezenti asterisk. Jixhed li fuq il-vettura mertu ta' dawn il-proceduri, dan is-simbolu ma nstabx.

Xehed **Ex PS565 Raymond Bellizzi** li jghid li fil-hamsa u ghoxrin (25) t'Ottubru ta' 2010 gie ordnat mill-Ispettur Arthur Mercieca sabiex jinvestiga trakk tal-ghamla Leyland Cruiser. Jghid li tali trakk ma kellhiex pjanci meta mar fuq is-sit. Jixhed li meta investiga dan it-trakk sab li kellu chassis iehor sabiex ikun jiflah certu piz u cioè kien irdubblat. Sab li meta kkumpara n-numru tac-chassis ma' dak indikat fil-log book kien hemm numru nieqes fuq l-istess log book. Jikkonferma li sid il-vettura u l-log book huwa l-imputat Peter Montebello. Jghid ukoll li filwaqt li l-log book jindika li l-vettura hija ta' lewn hadrani, il-vettura fir-realtà kienet ta' lewn blu. Jghid li a rigward il-magna tali magna kienet Leyland TL11 u n-numru li kien vizibbli kien 868760118. Izid jghid però li tali numru ma kienx l-originali izda kien 8660132. Jghid ukoll li n-

numru tac-chassis li nstab kellu hdax (11)-il cifra mentri suppost ikollu sbatax (17)-il cifra.

Xehed **Brian Farrugia** inrapprezentanza tal-Awtorità tat-Trasport Malta li pprezenta kopja tal-file relattiv tal-vetturi bin-numri ABE-749, FAW-971 u JAF-372.

Xehed **il-parte civile Paul Sant** li kien biegh trakk tal-ghamla Leyland Cruiser II lill-imputat. Jghid li tali trakk kellu n-numru tar-registrazzjoni JAF-372 u hu ma kienx thallas l-ammont kollu. Jixhed li kien ilu jigri wara l-imputat ghal bqija tal-flus meta fid-disgha (9) t'Ottubru ta' 2010 kien qieghed jiekol gewwa Marsaxlokk meta fid-disgha u nofs ta' filghaxija gharaf dan it-trakk partikolari izda b'numru ta' registrazzjoni differenti. L-ghada u huh nizlu Marsaxlokk sabiex jinvestigaw dan it-trakk. Jghid li fetah daqsxejn il-hadid sabiex jidhol taht il-kabina u gibed ritratt tac-chassis number. Wara li qablu ma' dak elenkat fil-log book ikkonferma li tali trakk kien l-istess wiehed. Jixhed li meta mar id-depot tal-Pulizija skopra li n-numru tal-pjanca li kien fuq it-trakk kien abbinat ma' vettura tal-ghamla ERF. Ikkonferma li r-ritratti esebiti u mmarkati Dok GF1 fil-fatt juru t-trakk tal-ghamla Leyland

Cruiser. Jghid però li n-numru tac-chassis li jinsab f'tali dokument ma huwiex l-istess wiehed li hemm indikat fil-log book.

Ikompli jghid li l-bejgh ta' din il-vettura sehhet madwar erba' (4) snin qabel is-sena 2010 u li l-imputat ghad fadallu jagtih ammont ta' hamest elef u hames mija Liri Maltin (Lm5,500).

Rega' xehed **Paul Sant** li pprezenta polza ta' assikurazzjoni mahruga minn Citadel fl-isem tal-imputat, ittra, karta ta' WasteServ, ittra mibghuta minn Transport Malta u indirizzata lix-xhud, korrespondenza bejn Paul Sant u l-ADT, dokument ta' dettalji tal-kontravenzjonijiet, kopja tal-karta tal-identità tal-imputat, u kopja ta' log book.

Xehed **Christopher Sant** li jghid li fid-disgha (9) t'Ottubru tas-sena 2012 cempillu huh, u cioè Paul Sant, sabiex jghidlu li sab it-trakk tal-ghamla Leyland Cruiser li nbigh lill-imputat. Jghid li flimkien ma' huh ikkonferma min-numru tac-chassis li kien l-istess trakk. Jikkonferma mid-dokumenti mmarkati Dok. GF2 li r-ritratti pprezentati juru l-vettura tal-ghamla Leyland Cruiser bil-magna T-11. Jikkonferma wkoll li n-numru tac-chassis li kien spezzjona kien dak li jinsab fil-log book immarkat Dok PS1. Jikkonferma wkoll

li tali numru mhuwiex l-istess wiehed rifless fid-dokumenti esebiti f'Dok, GF2.

Xehed **PL Quentin Tanti** li gie nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina trakk tal-ghamla Leyland Cruiser mudell numru 16.23 bil-magna diesel 11.1 Litri. Jispjega li gie nominat specifikament biex jezamina n-numri li nstabu tal-magna kif ukoll tac-chassis. Jghid li stabbilixxa li n-numru li jinstab fuq in-naha tax-xellug tal-magna gie maghmul minn terzi. Jghid ukoll li n-numru tac-chassis kien evidenti hafna li gie maghmul minn terzi u mhux tal-fabbrika. Jghid li min ghamel dan in-numru ghamel ittra, disgha numru u ittra ohra fl-ahhar u cioè hdax (11)-il cifra. Ikompli jghid li numru tac-chassis ikun fih sbatax (17)-il cifra. Jghid li filwaqt li kien possibbli biex jeleva n-numru awtentiku tal-magna dan ma kienx possibbli ghan-numru awtentiku tac-chassis.

Izid jghid li marki ta' grinder kienu evidenti fuq il-magna u jispjega li ghalhekk xi hadd wettaq intervent sabiex jithan is-saffi ta' fuq u jhassar in-numri u dan sabiex jaghmel ohrajn fuqu. Jispjega wkoll li n-numri mhux awtentici kkumparat ma' numri mahrugin mill-fabbrika ma jkunux imnaqqxin b'mod dritt. Jghid li dan kollu gie

ridatt f'rapport li gie mmarkat f'dokument immarkat bhala Dok. QT1.

Rega' xehed **PL Quentin Tanti** riprodott mid-difiza inkontroezami li jghid li hu ghandu tletin (30) sena ta' esperjenza fuq karozzi u muturi u dan stante esperjenza gewwa garaxx kif ukoll kors ta' sena li wettaq gewwa l-MCAST. Jghid ukoll li ir-rapport redatt minnu dam sentejn u nofs u dan stante li kellu bzonn jottjeni kimika mill-Istati Uniti. Jghid li din kienet l-ewwel darba li kellu juza din it-tip ta' kimika. Ikompli jghid li sabiex sar l-access fuq il-vettura mertu tal-kawza kellu jwettaq sittax (16)-il siegha ta' accessi.  Jghid li kellu jiehu dak il-hin kollu ghaliex skontra certu ostakoli fosthom li t-trakk kien iccaqlaq minn post ghal iehor kif ukoll inzerta drabi fejn it-trakk instab vicin pjanti li ma kienx ihalluh jahdem kif suppost.

Izid jghid li sakemm stenna l-wasla tal-kimika mill-Istati Uniti hu beda billi japplika paint remover fuq ic-chassis u dan sabiex iqaxxar iz-zebgha tali mod li jkun jista' jiskopri jekk hemmx numri ezistenti ohra. Jixhed ukoll li hu wettaq l-accessi fuq il-vettura mertu ta' dawn il-proceduri fl-assenza tal-imputat. Jghid ukoll li ma sarx analizi tal-metall stante li ma kienx il-lok. Ikompli jghid li

ghalih kien evidenti mill-ispezzjoni li ghamel li n-numri gew imnaqqxin u mhux bl-idejn. Izid jghid li meta wettaq l-access il-vettura inkwistjoni ma kellhiex pjanca.

Ikompli jixhed li l-provi li lahqet esebiet il-Prosekuzzjoni la ghenitu u lanqas xekkluh izda stradawh u ggwidawh sabiex jespleta l-inkarigu tieghu. Jghid ukoll li n-numri mmarkati f'cirku ahmar a fol. 319 tal-atti processwali ma joffrulux indikazzjoni ta' meta saru. Jghid ukoll li hu ma ghamilx komunikazzjonijiet mat-Transport Malta u mad-Dwana stante li ma kellux ghalfejn.

Rega' xehed **Brian Farrugia** li jghid li mir-ricerka li wettaq irrizultalu li l-vettura bin-numru FAW-971 tal-ghamla Leyland Cruiser ta' lewn hadrani huwa registrat f'isem Peter Montebello bil-karta tal-identità 184456M miz-Zejtun. Jikkonferma li dan ilu registrat fuq dan l-isem mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 1993. Jghid ukoll li l-pjanci ta' dan it-trakk ilhom gol-garaxx tal-Awtorità tat-Trasport Malta mit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena 2004. Ipprezenta rapport immarkat bhala Dok. BFX.

Xehed **Andrea Deguara** inrapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana li jghid li hu ma jkollux informazzjoni fuq vetturi izda l-

informazzjoni li nstabet tirrelata ma' numru tal-VAT. Jghid li tali numru tal-VAT kienet registrata fuq l-imputat Peter Montebello fis-sena 2003 u nghalaq fis-sena 2009.

Xehed **Christopher Galea** bhala Spettur tad-Dwana li jghid li mir-ricerki li wettaq hu stess fis-sistema tad-Dipartiment ma sab xejn li jirrigwarda l-imputat Peter Montebello. Jispecifika li ma hareg xejn la min-numru tal-identità tal-imputat u wisq anqas min-numru tat-trakk. Izid jghid li jekk ma sab xejn ma jistax jghid li jezisti xi informazzjoni dwar l-imputat jew le.

Xehed l-imputat **Peter Montebello** li jghid li t-trakk mertu tal-kaz odjern xtrah minghand certu Jean Polidano u dan sabiex jahdem bih. Jghid li stante li tali trakk kellu hafna hsara hu ggaraxxja l-istess trakk u biddilha minn trakk ta' sitt roti ghal trakk ta' tmien roti. Jghid li hu kabbar il-magna wkoll. Jghid li hu kellu jixtri magna gdida minhabba l-fatt li kellu bzonn wahda b'sahhitha u li tiflah ghal iktar roti. Izid jghid li kien qabbad lill-inginier Fredrick Azzopardi sabiex jiccertifika l-magna u dan skont struzzjonijiet li rcieva minghand it-Trasport Malta. Jixhed li darba minnhom kellu x-xoghol gewwa Marsaxlokk u xtaq jipprova dan it-trakk bil-modifikazzjoni li wettaq izda bin-numru ta' registrazzjoni ta'

vettura ohra. Izid jghid li ghal dan l-agir kien instab hati skont sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena 2011.

Jghid li hu kien wettaq VRT fuq il-vettura u mbaghad kien bi hsiebu jinforma lit-Transport Malta bil-modifika tramite formula esebita a fol. 487 tal-atti processwali. Jghid però li tali applikazzjoni ma ntbaghtitx stante li l-Pulizija xtaqet tinvestiga l-vettura u ghalhekk kellu jiehu tali vettura go St. Andrew's. Jixhed ukoll li hu kellu jkabbar ic-chassis u dan sabiex it-trakk ikun jista' jiflah ghal magna ikbar. Jixhed ukoll li hu qatt ma naqqax numri fuq ic-chassis.

Xehed **Frederick Azzopardi** li jghid li hu jipprattika l-professjoni ta' inginier. Jikkonferma li d-dokument esebit a fol. 486 tal-atti processwali gie mahrug minnu u li dan sar wara li ghamel spezzjoni.

Xehed **Andrew Abela** li jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument esebit a fol. 481 tal-atti processwali. Jikkonferma li tali dokument jindika li hu biegh magna lill-imputat.

<u>**IKKUNSIDRAT**</u>

Illi l-kaz de quo jittratta dwar akkuza naxxenti mill-artikolu 298D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, ibaghbas, inehhi, jbiddel jew jaghmel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew ghall-multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) u mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien."*

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens*

*tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-allegati reati kkommettihom l-imputat odjern u dan ghar-ragunijiet li sejra tispjega din il-Qorti.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex

tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in*

*bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-vettura mertu tal-kawza giet modifikata mill-imputat. Dan stante dak li hareg mix-xhieda tal-imputat stess fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena 2023. L-imputat spjega bic-car li kien biddel il-magna tal-vettura u ghalhekk kellu jbiddel ic-chassis sabiex tali vettura tkun tista' tissapporti t-toqol ta' din il-magna gdida. Il-Qorti tigbed l-

attenzjoni però li l-Artikolu 298D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar it-tbaghbis, tnehhija jew bidla ta' **numru**[1] ta' chassis jew magna. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ammissjoni bhal din u cioè wahda li hija ambigwa hafna ghal dak li titlob il-ligi kif ukoll wahda li ma hiex inekwivoku.

Illi oltrè minn hekk din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie konkluz fir-rapport tal-espert mahtur PL Quentin Tanti a fol. 328 tal-atti processwali. Tali rapport ikkonferma li saru modifiki fuq in-numru serjali tal-magna tal-vettura kif ukoll tax-chassis tal-imsemmi vettura. Il-Qorti tinnota wkoll li tali modifiki ma sarux minn fabbrika izda b'mod manwali u dan skont dak li kkonkluda l-istess espert a fol, 328 tal-atti processwali.

Illi r-regola generali fid-dritt penali hija li *"actus non facit reum, nisi mens sit rea"*. Di fatti **il-Professur Mamo** jghid hekk fin-noti tieghu:

> *"The general conditions of criminal responsibility are indicated with sufficient accuracy in the old legal maxim: "actus non facit reum, nisi mens sit rea". The act alone does*

[1] Emfazi tal-Qorti.

*not amount to guilt: it must be accompanied by a guilty mind. That is to say, there are two conditions to be fulfilled before criminal responsibility can rightly be imposed, and we may conveniently distinguish these as the material and the formal conditions of liability. The material condition is the doing of some act by the person to be held liable. A man is to be accounted responsible only for what he himself does, not for what other persons do, or for events independent of human activity altogether. The formal condition, on the other hand, is the "mens rea", or guilty mind, with which the act is done."*

Illi ghalhekk sabiex din il-Qorti ssib htija taht din l-akkuza, irid ikun hemm rabta cara bejn l-imputat u l-*actus reus*. Il-Qorti taghmel referenza ghal fatt li minkejja li gie ppruvat li n-numri allegati gew imnaqqxa fuq il-vettura tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova li kien l-imputat stess li naqqax tali numri fuq ic-chassis kif ukoll fuq il-magna u wisq anqas ma l-provi cirkostanzjali jwasslu ghal xi konkluzjoni li tipponta lejn il-kolpevolezza tal-imputat li verament wettaq dan ir-reat.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi di più, din il-Qorti xorta wahda tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi necessarji sabiex tissodisfa l-elementi kollha li hemm stipulati fl-Artikolu 298D tal-Kodici Kriminali u cioè l-prova tant mehtiega tal-kunsens o meno tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Omissis u Alex Vella</u>** (deciza fis-sbatax (17) t'Ottubru tas-sena 2022). Tali sentenza analizzat bir-reqqa l-elementi rikjesti sabiex il-prosekuzzjoni tipprova li r-reat taht l-Artikolu 298D gie kommess:

> *"Illi minghajr qies tal-kwistjoni tal-htija o meno tal-imputat odjern ghar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, jirrizulta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-prova ta' wiehed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taht l-Artikolu 298D tal-Kap. 9, cioe' li dan it-tbaghbis sar minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti fehmet illi l-attivitajiet ravvizati fl-Artikolu 298D tal-Kap. 9 li johloq ir-reat in dizamina, m'humiex necessarjament attivitajiet illegali, u ma jitwettqux bi ksur*

*tal-ligi* ***hlief*** *f'kaz li jintwera illi dawn saru minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

*L-Artikolu 298D tal-Kap. 9 jipprovdi illi huwa hati ta' reat kull min:-*

> *"... mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, ibagħbas, ineħħi, jbiddel jew jagħmel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur ..."*

*Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ressqet lil Stephen Cachia, in rapprezentanza tal-ADT, li xehed illi fir-records tal-ADT ma jirrizultax li saret xi talba ghal tibdil in kwantu ghall-magni taz-zewg vetturi bin-numru ta' registrazzjoni HAW-889 u JBI-757. Izda huwa wkoll daqstant minnu illi l-ligi tesigi espressament bhala element essenzjali ta' dan ir-reat, in-nuqqas ta' approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u mhux tal-Awtorita' dwar it-Trasport jew ta' xi entita' ohra. Maghdud dan il-fatt illi dan ix-xhud ma xehedx dwar permess jew approvazzjoni biex*

*isir thassir jew tnehhija jew xi forma ohra ta' tbaghbis* ***fin-numru tal-identifikazzjoni*** *tal-magna tal-imsemmija zewg vetturi, izda xehed dwar "talba jew tibdil in kwantu magni" u kkonferma li huwa ghamel verifiki "jekk kienx hemm tibdil ta' magni" sic et simpliciter.*

*Il-Qorti tqis illi jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-elementi materjali kostituttivi* ***kollha*** *tar-reati addebitati lill-imputati, fosthom ghalhekk il-prova tan-nuqqas tal-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija; madankollu, oltre ghall-imsemmi xhud, ma tressaq l-ebda addett fl-ufficcju tal-Kumissarju biex jikkonferma illi l-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma ta l-approvazzjoni tieghu bil-miktub biex isir it-tbaghbis jew tibdil li gie ppruvat li effettivament sar.*

*Dan ifisser illi fi kwalsiasi kaz, l-imputat Alex Vella ma jista'* ***qatt*** *jinstab hati tar-reat taht l-Artikolu 298D tal-Kap. 9."*

Illi mill-atti hareg bic-car din il-mankanza min-naha tal-Prosekuzzjoni u cioè li ma giex ikkonfermat li xi hadd mill-ufficcju

tal-Kummissarju tal-Pulizija kienx ircieva ittra jew komunikazzjoni mill-imputat sabiex igib l-approvazzjoni tal-modifiki li saru fuq il-vettura mertu tal-kawza. Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-Prosekuzzjoni setghet anke kkonfermat fix-xhieda taghha li l-istess ufficcju tal-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma ta l-approvazzjoni tieghu sabiex l-imputat ikun jista' jwettaq il-modifiki li xtaq jaghmel.

Illi l-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni kellha diversi opportunitajiet matul il-procedimenti ta' dan il-kaz odjern sabiex iressqu l-iktar prova krucjali biex jipprovaw l-akkuza kif dedotta fil-konfront tal-imputat. Din il-Qorti ghalhekk tittama li f'kazijiet simili l-Prosekuzzjoni tressaq ix-xhieda u l-provi l-iktar essenzjali u **relevanti**[2] ghal tali akkuza iktar u iktar meta wiehed iqis li kien hemm ammissjoni tal-imputat in atti.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tabbracja is-sentenza kkwotata iktar 'il fuq u taghmilha taghha b'dana li ebda htija ma tista' tinsab fil-konfront tal-imputat.

---

[2] Emfazi ta' din il-Qorti

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat **Peter Montebello hati** tal-akkuza kif dedotta kontrih stante nuqqas ta' provi u kwindi tilliberah minn kull osservanza u piena.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**